MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 430/1996/1

**John Vella & Sons Limited**

**v.**

**Francis sive Tarcisio Galea f'ismu proprio u ghan-nom tas-socjeta` Tarcisio Galea Construction Limited**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Frar, 1996 is-socjeta` attrici ppremettiet illi l-konvenut nomine huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm1,025.22 bilanc minn somma akbar

rapprezentanti valur ta' xoghol esegwit mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-konvenut nomine liema xoghol jikkonsisti fi twittija, qtugh ta' blat u garr ta' materjal u xoghol iehor kif jirrizulta mill-i*statement* Dokument "A''.

Billi nonostante diversi talbiet ghall-hlas inkluza permezz ta' ittri ufficjali datati 17 ta' Novembru 1994, 31 ta' Awwissu 1995 u 23 ta' Novembru 1995, il-konvenut nomine baqa' inadempjenti u ma hallasx.

Dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' Lm1,025.22 bilanc minn somma akbar rapprezentanti valur ta' xoghol esegwit mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-konvenut nomine liema xoghol jikkonsisti fi twittija, qtugh ta' blat u garr ta' materjal u xoghol iehor kif jirrizulta mill-i*statement* Dokument "A''.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 17 ta' Novembru 1994, 31 ta' Awwissu 1995 u 23 ta' Novembru 1995, u bl-imghax legali mid-data tal-ezekuzzjoni tax-xoghol fl-24 ta' Frar 1994 sal-effettiv pagament, u tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment kontra l-konvenut nomine ngunt personalment ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fl-14 ta' Gunju, 1996 (fol. 12) il-konvenut Tarcisio Galea eccepixxa:

1. Illi preliminarjament isem il-konvenut huwa Francis u mhux Tarcisio Galea.

2. Illi l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tieghu stante illi ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici peress illi ma sar l-ebda negozju mal-konvenut fil-kwalita` tieghu personali.

B'nota pprezentata wkoll fl-14 ta' Gunju, 1996 (fol. 13) is-socjeta` konvenuta Tarcisio Galea Construction Limited eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici stante illi l-ebda ammont m'hu dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Is-socjeta` konvenuta pprezentat kontro-talba (ma' din it-tieni nota ta' eccezzjonijiet) li permezz taghha ppremettiet illi: is-socjeta` konvenuta inkarigat lis-socjeta` attrici taghmel xoghlijiet konsistenti fi twittija, qtugh ta' blat, u garr ta' materjal iehor fiz-Zebbiegh; illi waqt li kienet qed tesegwixxi dawn ix-xoghlijiet is-socjeta` attrici minhabba imperizja, negligenza u traskuragni kkagunat hsarat u bhala konsegwenza danni lis-socjeta` konvenuta liema danni jammontaw ghal Lm1,017 kif jirrizulta mill-anness DOK B; illi ghal dawn id-danni kienet unikament responsabbli s-socjeta` attrici; illi ghalkemm is-socjeta` attrici nterpellata anke permezz ta' Ittra Ufficjali tat-2 ta' Dicembru 1994 biex thallas dawn id-danni baqghat inadempjenti.

Ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta talbet li dik il-Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta` attrici responsabbli ghad-danni li sofriet is-socjeta` konvenuta waqt li s-socjeta` attrici kienet qed tesegwixxi xoghlijiet fiz-Zebbiegh.

2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta' Lm1,017 (elf u sbatax-il lira) danni kif spjegat bl-imghaxijiet mill-14 ta' Frar, 1994 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 1994 kontra s-socjeta` attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fil-25 ta' Gunju, 1996 is-socjeta` attrici laqghat ghall-kontro-talba tal-konvenuti billi eccepiet:

1. Illi l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta hija nulla u bla effett stante li ma saritx mill-konvenuti kollha u ghalhekk l-okkju tal-istess kontro-talba huwa differenti minn dak tac-citazzjoni attrici, u ghalhekk tali kontro-talba ma hijiex legalment ammissibbli ghaliex ma saritx mill-istess partijiet fil-kawza.

2. Illi t-talbiet tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti esegwew ix-xoghol skond struzzjonijiet tal-istess socjeta` konvenuta u tal-konvenut, u hadmu ezatt taht id-direzzjoni tal-istess konvenut u l-perit minnu nkarigat.

3. Illi *di piu* bla pregudizzju ghall-premess filwaqt li l-kreditu tas-socjeta` attrici huwa cert likwidu u dovut, il-vantazzjoni tal-konvenuti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-allegati danni gew ikkawzati mis-socjeta` konvenuta u minn impjegati taghha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-30 ta' Jannar, 2008 bil-mod segwenti:

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatatment ghas-somma ta' mija hamsa u ghoxrin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€125.88) – (Lm54.04).

"Prevja li tilqa' t-talba attrici u l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, tillibera lill-konvenut personalment mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghas-socjeta` attrici;

"Tichad l-ewwel eccezzjoni ghall-kontro-talba;

"Spejjez tal-kawza bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta, bin-nofs.

"Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali pagament."

Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:
“Kwantu ghall-ammont mitlub fit-talba attrici ma jidhirx li dan hu kontestat. Ghalhekk l-ammont ta’ Lm1,025.22 (ara fol. 5/6) huwa dovut.

“Fil-kontro-talba taghha s-socjeta` konvenuta qed issostni li s-socjeta` attrici hi responsabbli ghad-danni kkawzati lilha ammontanti ghall Lm1,017 (Dok B a fol. 17) li sofriet meta s-socjeta` attrici kienet giet imqabbad bhala *sub contractor* biex tesegwixxi x-xoghlijiet in kwistjoni.

“Is-socjeta` attrici eccepiet li l-kontro-talba hija nulla u bla effett stante li ma saritx mill-konvenuti kollha u ghalhekk l-okkju tal-istess kontro-talba huwa differenti minn dak tac-citazzjoni attrici.

“Il-Qorti tirrileva li fil-kontro-talba (ara fol. 14) l-okkju baqa’ l-istess bhac- citazzjoni u kienet biss is-socjeta` konvenuta li pprevalixxiet ruhha (kif kellha dritt li taghmel) mill-fakolta` li taghmel kontro-talba billi hija biss kellha relazzjoni mas-socjeta` attrici.

“Fil-mertu jirrizulta mill-provi (migbura mill-perit nominat) li s-socjeta` konvenuta kellha tindika lis-socjeta` attrici x-xoghol li kellha taghmel mentri l-mod ta’ esekuzzjoni ta’ dawn ix-xoghlijiet kien f’idejn u responsabilita` tas-socjeta` attrici fosthom l-istabilita` tal-gaffa vicin ix-xifer tal-blat, u l-mod kif il-materjal kellu jintefgha fil-gandott mal-hajt.

“Fl-opinjoni tal-perit nominat il-*foreman* tas-socjeta` konvenuta halla f’idejn ix-xufier tal-gaffa li assigurah li kellu esperjenza u qallu biex ihalli f’idejh u ghalhekk dan assuma r-responsabilta` ghal dak li setgha jigri (ara para 19:9 fol. 117).

“Is-socjeta` attrici tirritjeni li l-gaffa waqghet ghax il-hajt ma kienx mibni tajjeb. Mir-relazzjoni tal-perit nominat dan ma jirrizultax u *se mai* s-socjeta` attrici ma gabitx prova konklussiva dwar dan. Fil-fatt il-perit jilmenta (ara fol. 114 para 17:1) li hija hasra li ma gewx esebiti ritratti ta’ l-

incident li setghu jghinuh biex jiehu stampa aktar cara ta' x'gara u ma garax. L-oneru tal-prova li l-incident gara tort tal-konvenuti kien fuq is-socjeta` attrici u ghalhekk jekk hemm xi nuqqas dan ghandha tirrispondi ghalih is-socjeta` attrici.

“Bhala danni sofferiti mis-socjeta` konvenuta l-perit espert approva s-somma ta' Lm971.18 (ara para 20:4). Ghalhekk il-bilanc dovut lis-socjeta` attrici huwa ta' Lm54.04.

“Illi l-partijiet ma kkontestawx il-konkluzjonijiet tal-perit. La saritlu eskussjoni u lanqas saret xi talba ghal periti addizzjonali.

“L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiz sabiex l-Qorti tkun tista' tistabilixxi fatti rilevanti ghall-mertu ta' kawza illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu tahrig jew taghlim specjali jew specjalizzat appuntu sabiex jigu determinati.

“Opinjoni teknika, bhal kull prova, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbli u kredibbli, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha *mano libera* li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista' tigi skartata mill-Qorti. Dan pero` mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti. Kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovvdi ghan-nomina ta' periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta' verifika tal-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta (Ara Sentenza App ***Camilleri v. Debattista*** 9/2/2001 u sentenza Appell ***Ivan Borg pro et noe v. George Aquilina***, 19 ta' Ottubru, 2005; ***Carmel Sciortino v. Helen Camilleri et*** Appell deciz fil-31 ta' Lulju, 1996 u ***Veronica Camilleri v. Joseph Thorne*** et Civili Inferjuri deciza fit-2 ta' Dicembru, 2002).

“Il-Qorti, wara li rat ir-relazzjoni u ezaminat il-provi, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet kollha maghmulin mill-perit tekniku, kif ukoll il-konkluzjonijiet minnu raggunti, huma gusti u korretti u tikkondividihom u taghmilhom taghha. “

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fid-19 ta' Frar, 2008, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tvarja, tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonferma l-istess sentenza in kwantu laqghet it-talba attrici kontenuta fic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici appellanti; u (2) thassar, tirrevoka u tannulla l-istess sentenza in kwantu laqghet il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta appellata u minflok tichad l-istess prevja l-akkoljiment tal-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta` attrici appellanti ghall-istess kontro-talba, bl-imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

Is-socjeta` konvenuta appellata pprezentat risposta ghall-appell fuq imsemmi fejn bazikament iddikjarat li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u li konsegwentement, anke ghar-ragunijiet hemm migjuba, l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra kontra s-socjeta` attrici appellanti. Id-difensuri tal-partijiet trattaw l-appell fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2010, u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Dawn il-proceduri jikkoncernaw talba mis-socjeta` attrici biex dik konvenuta thallasha bilanc ta' prezz ta' sub-appalt esegwit fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta. Jidher li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici u effettivament l-ewwel Qorti ma sabet ebda ezitazzjoni biex tiddikjara daqstant u biex takkorda lis-socjeta` attrici l-ammont minnha reklamat fic-citazzjoni. Il-fatt li l-istess socjeta` konvenuta ma ressqet ebda appell minn dan l-aspett tas-sentenza, anzi fir-risposta taghha tiddikjara li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, jikkonferma wkoll dan il-hsieb tal-Qorti.

Il-kwistjoni kollha li tat lok ghal dizgiwd bejn il-kontendenti tikkoncerna t-talba rikonvenzjonali maghmula mis-socjeta` konvenuta f'dawn il-proceduri, fejn qed jintalab li s-

socjeta` attrici tigi dikjarata responsabbli ghad-danni li l-istess socjeta` konvenuta sofriet waqt li s-socjeta` attrici kienet qed tesegwixxi xoghlijiet fiz-Zebbiegh u konsegwentement tigi kundannata thallasha ammont indikat fil-kontro-talba fis-somma ta' Lm1,017 in linea ta' danni. Fis-sentenza appellata din il-kontro-talba giet milqugha biss l-ammont dikjarat dovut mis-socjeta` attrici gie ridott ghas-somma ta' Lm971.18. Ghalhekk, wara li saret tpacija ta' dan l-ammont mas-somma reklamata u dovuta lis-socjeta` attrici, l-ewwel Qorti kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont bilancjali ta' Lm54.04 lis-socjeta` attrici bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali pagament.

**L-aggravji tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici ressqet erba' aggravji kontra s-sentenza appellata, tlieta minnhom indirizzati lejn l-akkoljiment tal-kontro-talba mentri l-ahhar aggravju jikkoncerna l-kundanna ghall-hlas tal-imghaxijiet. Infatti dawn l-aggravji gew impostati bil-mod segwenti:

a) li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta akkoljiet il-kontro-talba peress illi din hija bbazata fuq l-asserzjoni ghal kollox gratuwita illi Piju Cassar, impjegat tas-socjeta` attrici appellanti, assuma responsabbilita` ta' dak illi seta' jigri;

b) hija wkoll zbaljata s-sentenza billi hija bbazata fuq apprezzament hazin tal-provi prodotti stante illi, skond is-socjeta` appellanti, l-Qorti kellha ssib li s-socjeta` konvenuta appellata ma ppruvatx illi l-hsarat minnha allegati gew ikkawzati minhabba imperizja, negligenza u traskuragni da parte tas-socjeta` attrici appellanti hekk kif minnha allegat;

c) hija wkoll zbaljata din il-parti tas-sentenza in kwantu hija bbazata fuq qlib tar-regoli dwar l-oneru ta' prova applikabbli peress illi l-Qorti rriteniet illi s-socjeta` konvenuta appellata kellha l-oneru illi tipprova illi l-incident gara tort tal-konvenuti u jekk hemm xi nuqqas ghandha tirrispondi ghalih is-socjeta` attrici;

d) finalment is-socjeta` attrici qed tilmenta wkoll mill-fatt li l-imghaxijiet gew akkordati mid-data tas-sentenza meta l-obbligazzjoni kienet wahda ta' natura kummercjali.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-assunzjoni ta' responsabbilta`.**

Qed jigi sottomess li fuq il-lant tax-xoghol fejn kellha tezegwixxi xi xoghlijiet is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta kienet inkargiat *foreman* li kellu l-inkarigu li jqassam ix-xoghol u jaghmel supervizjoni; isegwi li l-fatt li l-impjegat tas-socjeta` attrici ddikjara li huwa kien bniedem tal-esperjenza ma jezonerax lill-kumpanija konvenuta mir-responsabbilta` ta' dak li gara, *multo magis* meta l-istess *foreman* kien konxju tal-fatt li kien hemm perikolu minhabba l-mod kif kien mibni l-hajt li kellu jilqa' l-materjal li l-impjegat tas-socjeta` attrici kien ser iwitti.

Is-socjeta` konvenuta appellata, min-naha taghha, osservat li d-decizjoni tal-Qorti ma kienitx mibnija fuq is-semplici dikjarazzjoni tal-impjegat tas-socjeta` attrici izda fuq principji legali in materja. F'dan ir-rigward gie sottomess li appaltatur ma jistax jezonera ruhu mir-responsabbilta` billi jsegwi l-ordnijiet, anke jekk mhux legittimi, tal-kommittent. Dan huwa minnu izda din il-Qorti tosserva li tali difiza mhux accettabbli meta persuna tigi mitluba li tezegwixxi xoghol mhux skond l-arti u s-sengha billi huwa obbligu ta' dik il-persuna li tezegwixxi xoghol tajjeb. Fil-kaz in ezami dak li qed jigi sottomess huwa li kien hemm perikolu mohbi fil-mod li kien kostruwit r-*retaining wall.* Sa hawn din il-Qorti tapprezza u tikkondividi dak li qed jigi sottomess mis-socjeta` attrici appellanti billi hadd ma jista' jinsab hati ta' xi negligenza jekk r-raguni ta' dak li jkun gara, bhal fil-kaz in ezami ceda l-hajt, ikun tort tal-istess kommittent. Biss is-socjeta` appellata tirrileva li mix-xhieda jirrizulta li l-*foreman,* Joseph Galea, kien talab lir-rapprezentant tas-socjeta` attrici biex ix-xoghol in kwistjoni jsir bil-'gaffa' z-zghira mentri is-socjeta` attrici, kuntrarjament ghal dan, baghtet l-impjegat taghha b'gaffa

kbira, u inoltre l-istess Joseph Galea kien wissa lill-impjegat tas-socjeta` attrici biex izomm hames piedi il-gewwa minn wicc il-hajt in-naha tar-radam biex b'hekk il-gaffa tkun qed tistrieh fuq il-blat. Il-fatt li gara dak li gara jindika li l-istess impjegat tas-socjeta` attrici naqas billi fl-ewwel lok uza gaffa kbira minflokk dik rikjesta, u fit-tieni lok ma zammx skond id-direttivi tal-*foreman.* Dan juri negligenza da parti tas-socjeta` attrici u konsegwentement dan l-aggravju qed jigi michud.

**Dwar l-apprezzament hazin tal-provi.**

Qed jigi sottomess li mill-provi prodotti bl-ebda mod ma jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet negligenti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol in kwistjoni. Jinghad mis-socjeta` appellanti li l-uniku fatt li rrizulta kien dak dwar il-hajt li ma kienx inbena skond l-arti u s-sengha. Dan stabbilit, pero`, din il-Qorti tosserva li dak li gara kien li l-gaffa waqghet u konsegwentement l-hajt ikkrolla ghaliex is-socjeta` attrici ma uzatx gaffa adegwata u l-impjegat taghha ma zammx 'il gewwa mill-wicc tar-radam kif kien gie indikat lilu mill-*foreman* tas-socjeta` konvenuta. La darba gara dak li gara kien jispetta li s-socjeta` attrici turi li ma kienx hemm negligenza da parti taghha u mhux biss li l-hajt ma kienx mibni skond l-arti u s-sengha billi jirrizulta pruvat mic-cirkostanzi kollha tal-kaz li dak li gara kien dovut proprju minhabba l-uzu ta' gaffa mhux idonea u l-fatt li l-impjegat tas-socjeta` attrici resaq wisq f'tarf tal-wicc tal-blat u b'hekk inqalbet il-gaffa. Ghalhekk jidher li kemm it-tieni kif ukoll t-tielet aggravji mhux gustifikati.

**Dwar l-imghax.**

Is-socjeta` appellanti hassitha wkoll aggravata mill-fatt li, tenut kont tal-fatt li l-ammont reklamat minnha kien fl-ewwel lok ta' natura kummercjali u fit-tieni lok ma kienx qed jigi kontestat, l-ewwel Qorti akkordat biss imghax fuq is-somma ta' Lm54.04 ekwivalenti ghal €125.88 mid-data tas-sentenza u *per di piu`* dan l-imghax kellu jigi komputat limitatament fuq is-somma bilancjali hekk dikjarata dovuta mis-socjeta` konvenuta.

Din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju huwa gustifikat. Huwa previst fl-Artikolu 1141 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li meta obbligazzjoni tkun ta' natura kummercjali l-imghaxijiet jiddekorru *ipso jure* minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita. Dwar dan il-principju ma jistax jkun hemm dubju. Issa jekk irrizulta, kif *del resto* rrizulta, li l-ammont reklamat fic-citazzjoni fis-somma ta' Lm1025.22 ma kienx qed jigi kuntestat u konsegwentement dovut u li dan il-kreditu kien ta' natura kummercjali billi jirrizulta minn appalt, kien xieraq li fuq l-ammont hekk dikjarat dovut jiddekorri imghax ta' tmienja fil-mija mid-data ta' meta kien originarjament dovut sad-data meta gie gudizzjarjament stabbilit (cioe` bis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2008) x'kellu jkun l-ammont wara li ssir it-tpacija. Altrimenti jigi li s-socjeta` konvenuta tkun qed tiehu vantagg mid-dewmien fil-proceduri gudizjarji meta kienet taf li l-ammont kien dovut. Ghalhekk din il-Qorti sejra takkorda imghax fuq is-somma ta' Lm1025.22 mill-24 ta' Frar, 1994 sat-30 ta' Jannar 2008.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi milqugh in parte billi qed jigi michud in kwantu dan huwa indirizzat lejn l-akkoljiment tal-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, u f'dan ir-rigward is-sentenza appellata qed tigi konfermata (ifisser li l-ammont bilancjali ta' Lm54.04 hu dovut wara t-tpacija), izda l-istess sentenza qed tigi riformata in kwantu qed tigi revokata dik il-parti fejn l-ewwel Qorti akkordat l-imghax fuq is-somma ta' Lm54.04 mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, u minflok tordna li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas imghax ta' tmienja fil-mija fuq is-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,025.22) (ekwivalenti din is-somma ghal elfejn tlett mija tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€2,388.12)) mill-24 ta' Frar, 1994 sat-30 ta' Jannar 2008, oltre l-imghax fuq is-somma ta' Lm54.04 mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-prim istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata. L-ipsejjez ta' dan l-appell jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------